**FRAR 2007** **NUMRU 218**

**Lill-Presidenti, Assistenti Ekkleżjastiċi u Membri.**

''Flimkien f'Azzjoni'' il-motto li għażlet l-Azzjoni Kattolika fi żmien il-Milied. Il-ħsieb li beda miż-ŻAK (Żgħażagħ Azzjoni Kattolika) u ngħaqadna aħna l-adulti u l-anzjani. Il-ħsieb huwa biex niftakru li l-ferħ, l-imħabba, il-karità m'għandhiex tkun biss fi żmien il-Milied imma matul is-sena kollha. Iż-żgħażagħ tagħna diġa għandhom programm x'se jagħmlu matul is-sena, bħal għajnuna fid-djar ta' l-anzjani, għotja tad-demm u l-bqijja.

Din l-Information Sheet, tasal għandkom fil-bidu tar-Randan, żmien tajjeb ħafna, li nqumu min-ngħas tagħna, li niddeterminaw li nagħmlu xi ħaġa. Mhux se nipproponi jien x'għandna nagħmlu, imma se nħalli f'idejkom biex kemm individwalment u kemm il-membri taċ-ċirkoli f'daqqa, norganiżżaw xi attività. ***Jinħtieġ li nifhmu li l-Azzjoni Kattolika mhix laqgħat biss . . . . imma AZZJONI .*** Inkunu sinċieri, x'intom tagħmlu bħala ċirkolu ? Kemm nieħu gost li nkun naf bl-attivitajiet tagħkom biex inwassalhom liċ-Ċirkoli l-oħra . . . . f'idejkom !

Kien l-Erbgħa, 10 ta' Jannar li għadda, meta kont mistieden minn Ċirkolu biex nagħmlu irtir . . . staqsejthom kemm minn dawk preżenti huma membri . . . **Kollha għollew subajhom.** Numru sabiħ ħafna. Ċirkolu kbir! U staqsejthom kemm minnhom huma abbonati fil-Ħuġġieġa . . . . mhux iktar minn għaxra għollew subajhom. Għandi nerġa mmur għandhom bil-patt li jġibu magħhom il-Ħuġġieġa . . . .
Xi ħadd qalli, mhux sewwa li xi wħud ma rċevewx il-Ħuġġieġa għax ma abbonawx . . . Imsieken ! Ma nafx min imur jixtri u jħallas wara. Ma jafux li l-Azzjoni Kattolika ma għandhiex biex tħallas il-Ħuġġieġa jekk intom ma tħallsux l-abbonament qabel. Konna ilna minn Settembru navżawkom biex taħsbu għall-abbonament minn qabel, mela ma kienitx għal għarrieda . . . .

U la qed nitkellmu fuq il-Ħuġġieġa, jinħtieġ li mhux biss li tkun ghandna, imma li nippreparaw fid-dar il-lezzjoni li jkun imiss, nieħdu noti u nkunu nafu sewwa l-leżżjoni biex naqsmu ma sħabna t-tagħlim li jkun fiha.

Jien ma nistax nifhem li tiġina bi tqila li nagħtu b'kemm jiswew nofs tuzzana pasti (li kemm jistgħu jdumu?) filwaqt li l-abbonament huwa għal sena u t-tagħlim hu għall-għomorna.
**P.Damian Cachia O.Carm Ass. Ekkl. Ġenerali**

## MADWARNA

Qegħda nikteb din il-paġna l-għada tal-Konsagrazzjoni tal-maħbub Arċisqof tagħna u lejlet l-ikla li l-Azzjoni Kattolika tagħmel viċin il-festa ta' Dun Ġwann Bosco, il-Patrun ta' l-Assistenti Ekkleżjastiċi.

***L-Arċisqof Pawlu Cremona*** Żgur li bħalkom inħoss qalbi tfur bil-gratitudni lejn Alla li għoġbu jirregalalna Arċisqof imżejjen bi kwalitajiet hekk sbieħ. Waqt li hu feraħ u kompla mal-poplu għax kif qalilna waqt il-laqgħa tal-membri tal-Forum ta' l-Għaqdiet ''Ngħixu dan il-mument ta' grazzja flimkien mal-poplu għax dan huwa d-dover tagħna'', stajt tħoss kemm il-darba l-umiltà profonda tiegħu. Dak inhar qalilna wkoll, 'Jien l-anqas nitlob li ma niżbaljax, għax naf li se niżbalja. Nitlob li għall-anqas bl-iżbalji tiegħi ħadd ieħor jitqaddes.' L-umilità tiegħu dehret fost drabi oħra, waqt l-ordinazzjoni tiegħu u fil-kliem sabiħ li addotta mill-kliem li qal il-Papa Ġwanni XXIII meta sar Papa.
Ma nistax ma nsemmix it-talba għall-għaqda li għamel lill-kapijiet ta' l-għaqdiet waqt l-istess laqgħa. Qal 'L-unità hija waħda, l-Ispirtu s-Santu ma jistax jgħid xi ħaġa lil xi ħadd u l-kuntrarju lil xi ħadd

ieħor." Dwar l-ordnijiet tal-patrijiet qal 'L-ebda ordni jew għaqda ma tista' twassal it-totalità tal-fidi waħeda. Għalhekk il-kontribut ta' kulħadd hu essenzjali.' L-għaqda bejnietna u ma' l-oħrajn tifforma parti mill-programm tas-sena tagħna. Ngħixuha b'mod sħiħ kemm jista' jkun.

***San Ġwann Bosco.*** Issa li l-Mulej għogbu jerġa jberikna b'numru sabiħ ta' żgħażagħ hemm bżonn li nġeddu d-devozzjoni u l-qima li kellna dwar it-tagħlim ta' Dun Bosco. Intom li għandkom iż-żgħażagħ jiltaqgħu fiċ-ċirkoli tagħkom, intom li għad għandkom lil uliedkom żgħar jew li għandkom in-neputijiet isimgħu x'kien jgħid:-

" Ma nistgħux ma nħaddmux xi setgħa fuqhom, imma ejjew inħarsu lejhom bħala wliedna, u nkunu fosthom qisna l-qaddejja tagħhom, bħal Ġesù, li gie mhux biex jikkmandana imma biex jobdi; l-istess ħjiel ta' setgħa jmissu jġiegħlna nistħu; is-setgħa tagħna fuq it-tfal u ż-żgħażagħ ma nħaddmuhiex jekk mhux biex naqduhom aħjar". Qal ukoll " U fiċ-ċirkustanzi l-aktar tqal, iżjed jaqbel li nitolbu lil Alla bil-ħniena u bl-umiltà, milli ninfexxu f'ħafna tpaċpiċ li mhux biss iriegħex lil min jisimgħu imma ma jkun ta' ebda fejda għal min hu ħati".

***Dar Familja Mqaddsa*** Bl-għajnuna ta' Alla, wasalna biex nilqgħu l-ewwel residenti fil-blokk il-ġdid, fi kmamar spazjuzi bil-banju magħhom li jipprovdu l-privitezza meħtieġa u li jippermettu dinjità sħiħa kif jixraqlu kull resident. Aktar tard meta r-residenti l-ġodda jissetiljaw u nispiċċaw inżejnu l-post, nagħmlu l-ftuħ uffiċjali u nistiednu lill-gruppi tal-membri biex jarawh. Nirringrazzjaw lil Alla għall-ġenerożità li qanqal fil-qlub tal-benefatturi tagħna u nibqgħu nittamaw fiĦ b'fiduċja għamja li jkompli jgħinna niġbru s-somma kbira li se jkollna nagħtu.

**President Ġeneral Joyce Pullicino**

**<u>Fergħa Rġiel</u>**

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa, 9 ta' Frar 2007** | **Ċenaklu fis-6.00p.m.** |
| **It-Tnejn, 12 ta' Frar 2007** | **Laqgħa tal-Kunsill Ċentrali fil-5.30 p.m.** |
| **Il-Ħadd, 25 ta' Frar** | **Irtir - Knisja tal-Vitorja, il-Belt, Valletta. Mid-9.00 -11.45am. Il-Programm tirċivuh bil-posta.** |

**-------------**

**<u>Fergħa Nisa</u>**

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007** | **Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m.** |
| **Il-Ħamis, 8 ta' Frar 2007** | **Laqgħa mas-SAS mid-9.30 -11.30 a.m.** |
| **Il-Ġimgħa, 9 ta' Frar 2007** | **Ċenaklu (Kunsill) fis-6.00 p.m** |
| **It-Tlieta 13 ta' Frar 2007** | **Laqgħa Distrettwali No. 3 għal dawn iċ-Ċirkoli fid-9.30 a.m:- B'Bugia, Cospicua, Fgura,Gudja, Kirkop, Mqabba, Paola Kristu Re, Qrendi, Safi. Senglea, Tarxien, Vittoriosa, Zabbar, Zejtun, Zurrieq** |
| **Il-Ħamis, 15 ta' Frar 2007** | **Laqgħa mas-S.A.S. bejn id-9.30 a.m.u l-11.30 a.m.** |
| **Il-Ħamis, 22 ta' Frar 2007** | **Laqgħa mas-S.A.S. bejn id-9.30 a.m.u l-11.30 a.m.** |
| **It-Tnejn, 26 ta' Frar 2007** | **Eżerċizzi għar-Romol** |
| **It-Tlieta, 27 ta' Frar 2007** | **Eżerċizzi għar-Romol** |
| **L-Erbgħa,28 ta' Frar 2007** | **Eżerċizzi għar-Romol** |
| **Il-Ġimgħa, 2 ta' Marżu 2007** | **World Day of Prayer** |
| **Il-Ħamis, 8 ta' Marżu 2007** | **Kunsill Ċentrali** |

**------------------**

**<u>Fergħa Xebbiet Adulti</u>**

**Il-Ħamis, 1 ta' Frar 2007 Kunsill Ċentrali - Fis-6.00 p.m**
**Il-Ħadd, 18 ta' Frar High Tea (Dettalji jingħataw f'ċirkolari)**
**Il-Ġimgħa, 9 ta' Frar 2007 Ċenaklu fis-6.00 p.m.**
**Il-Ħamis, 1 ta' Marzu 2007 Kunsill Ċentrali - Fis-6.00 p.m.**
**Frar huwa x-xahar ta' San Pawl, Missier il-Maltin. Nitolbuh iżomm idejh fuq Malta tagħna minn kull ħsara u deni.**

**----------**

**<u>MOVIMENT GĦALLIEMA KATTOLIĊI</u>**

**Il-Ġimgħa 9 ta' Frar 2007 Ċenaklu fis-6.00 p.m.**
**L-Erbgħa, 14 ta' Frar 2007 Kors ta' Spiritwalità LaSaljana fis-6.00 p.m.**
**L-Erbgħa, 21 ta' Frar 2007 Laqgħa tal-Kunsill fil-5.30 p.m.**

## Ċenaklu Għad-Diriġenti Ċentrali

Nhar il-Ġimgħa 9 ta' Frar, 2007 fis-6.00 p.m.
Fl-Istitut Kattoliku, Floriana
Il-Membri tad-Direttorju Ġenerali u tal-Kunsilli
u Kummissjonijiet Ċentrali huma mheġġa li jattendu.

<u>GRUPPI KOPPJI MIZZEWGIN</u>

Irtir organizzat mill-Grupp Koppji Mizzewgin - Rabat
Meta : Il-Ħadd, 18 ta' Frar 2007 Ħin - Mid-9.15 a.m. sa 12.15 p.m
Post - De Piro Centre, St Agata Rabat
Imexxi l-Provinċjal Fr Paul Galea O.F.M.
Jieħdu sehem ukoll il-gruppi ta' B'Buġia, Ħamrun Kunċizzjoni, Naxxar u Balzan.
Koppji oħra huma mistiedna.

Ċenaklu Nhar il-Ġimgħa , 9 ta' Frar 2007 għad-Diriġenti Ċentrali fis-6.00 p.m. Fl-Istitut Kattoliku, Floriana.
Carmen u Joe Agius Delicata

<u>RADJU MARIJA</u>

Infakkrukom li l-Programm ta' l-Azzjoni Kattolika "Mill-Ħuġġieġa" fuq Radju Marija jixxandar kull nhar ta' Tnejn bejn il-11.00 a.m. - 12.00 a.m b'ripetizzjoni nhar ta' Sibt bejn il-5.00 a.m. u s-6.00 a.m.

*<u>Adorazzjoni Għal Vokazzjonijiet</u>*

Fis-Seminarju tal-Virtu, Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Gesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-5.30 p.m. u s-6.30 p.m. L-iskop huwa li nitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-Ċirkoli biex jagħzlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat.
Min jixtieq imur iċempel lil Mrs. C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851. Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

Tliet laqgħat organizzati mis-Segretarjat Assistenza Soċjali flimkien mal-Fergħa Nisa u sezzjonijiet oħra Adulti ta' l-Azzjoni Kattolika;-
**Biex nagħtu servizz aħjar fil-Parroċċi**
**Il-Ħamis 8, 15, u 22 ta' Frar 2007 mid-9.30 am sal-11.00 am**
**F'Sala Mons Dandria Istitut Kattoliku, Floriana**
**Għalfejn dawn il-laqgħat . . . . .**
L-iskop ta' laqgħat bħal dawn huwa biex nissaħħu fil-konvinzjoni li jekk irridu ngħixu b'mod sħiħ il-fidi tagħna rridu nimxu fuq l-ezempju ta' Kristu Qaddej. Kristu sar Qaddej ta' kulħadd biex jirrevelalna l-wiċċ ta' Alla, il-wiċċ ta' Missier, għani fil-ħniena u t-tieba (Ef. 2,5).
Ħajjitna hija mixja ta' konverzjoni li tizvujtak mill-egoiżmu tiegħek u timliek bl-imħabba ta' Alla nnifsu. U dan isir f'kommunita ma' ħaddiehor.

U għax inħobbu b'dan l-ispirtu divin inħossuna fid-dmir li nitgħallmu u nikbru biex il-qadi tagħna jkun kemm jista' jkun tajjeb . . . . għax Kristu, li identifika lilu nnifsu mal-fqir, jixraqlu l-aħhjar.

Il-Ħamis, 8 ta' Frar 2007
Suġġett: Abbuż fuq it-tfal
Kelliema: Liana Mercieca, Co-Ordinator Child Protection, Appoġġ
Rodianne Borg, Social Worker, Appoġġ

Il-Ħamis, 15 ta' Frar 2007
Suġġett: Familji b'persuna bi Problema Mentali
Kelliema: Ms Louise Scerri, Senior Social Worker Mt. Carmel Hospital

Il-Ħamis, 22 ta' Far 2007
Suġġett: L-Abbuż fuq l-Anżjani fil-familji
Kelliema: Dr. Marisa Scerri, Ministeru tal-Familja u Solidarjeta Socjali
Kullħadd se jkollu l-opportunità jiddiskuti l-każi li se jkunu ppreżentati.

Mission Statement:
'Il-Missjoni ewlenija tas-Segretarjat Assistenza Soċjali (SAS) hija l-ħidma karitattiva man-nies fil-bżonn, u l-promozzjoni tal-ġustizzja, ispirati mill-Evanġelju u t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja.

Dan jagħmlu billi jgħin lill-persuna fil-bżonn, tagħraf u tiżviluppa l-potenżjal sħiħ tagħha.

## PARTY GĦALL-ANZJANI FID-DJAR TA' L-ANZJANI TAL-KNISJA

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar, 2007, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika organiżża party għall-anzjani tad-Djar tal-Knisja ġewwa Restaurant ta' l-Ajruport ta' Hal Luqa.

Kien hemm 'il fuq minn 200 ruh bejn anzjani u helpers. Ta' min jgħid li l-party kien ferm organiżżat u l-anzjani ħadu ferm u ferm pjaċir bl-atmosfera ferrieħa li kien hemm. Bdejna fit-3.30 p.m. u spiċċajna fis-6.30 p.m. Matul is-serata l-anzjani kienu servuti b'te komplut b'sandwiches, pastizzi, ħelu, eċċ, filwaqt li assistew għal varjetà mill-isbaħ bil-parteċipazzjoni ta' l-istess anzjani b'kant u zfin. Id-Dar ta' Sant' Anna ta' l-Isla rebaħ sufflè mgħoti lilna apposta mis-sid tar-restaurant.

Kellna żjara għall-għarrieda mill-Isqof ta' Għawdex, Mons Mario Grech, li l-Anzjani apprezzaw ħafna ż-żjara tiegħu. Hu kompla ma' kull wieħed u waħda mill-anzjani li dawn laqgħuh b'ferħ u ċapċip kbir.

Nirringrazzjaw lil helpers kollha li ħadu ħsieb il-lift u lil dawk kollha li kkontribwew fl-organizzazzjoni. L-anzjani tant ħadu pjaċir li għandna rapporti mid-Djar ta' l-Anzjani li baqgħu isemmu din l-attività għal bosta ġranet.

**Servizz bil-Minibuses**

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.
Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

----------------

**Ezerċizzi Spiritwali Għar-Romol**

**Il-Kummissjoni Romol tal-Fergħa ta' l-Azzjoni Kattolika Fergħa Nisa qed torganiżża tlett ijiem Eżerċizzi għar-Romol kollha fis-Sala Mons. Dandria, Fl-Istitut Kattoliku Floriana, nhar it-Tnejn 26, it-Tlieta 27 u l-Erbgħa 28 ta' Frar 2007. Nibdew bil-quddiesa fid-9.30 a.m. sal 11.00. Imexxi Patri Damian Cachia O. Carm. Ir-Romol kollha huma mħeġġa li ma jitilfux din l-opportunità spiritwali li qed joffrilhom il-Mulej.**

## Fergħa Żgħażagħ Azzjoni Kattolika Ż.A.K.

| | |
|---|---|
| 5 ta' Frar 2007 | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders il-Kbar taż-ŻAK |
| 11 ta' Frar 2007 | Support Group għal leaders taż-ŻAK |
| 19 ta' Frar 2007 | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders il-Kbar taż-ŻAK |
| 23-25 ta' Frar 2007 | Leadership training |
| 2-4 ta' Marżu 2007 | Leadership training |
| 5 ta' Marżu 2007 | Laqgħa ta' formazzjoni għal leaders il-Kbar taż-ŻAK |

**KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

***SOLIDARJETÀ*** Nhar ta' Ħadd 4, 11, 18 u 25 ta' Frar fit-8.30 p.m. il- Programm 'Solidarjatà' fuq Radju Malta.
Nhar l-Erbgħa 7 ta' Frar - Forum Annwali għall-car owners, delegati morda u distributuri tal-Faraġ. Ħsieb minn Mons Deguara u talk minn Fr. Andrew Borg fis-6.00 p.m fis-Sala Mons Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

Nhar l-Erbgħa 14 ta' Frar - Laqgħa ta' l-Ezekuttiv fis-6.00 p.m.
President

---

**ĠITA GĦALL-LOURDES**
**U POSTIJIET INTERESSANTI MADWAR LOURDES**

Jekk biħsiebek tmur Lourdes il-ġimgħa tal-Ġimgħa l-Kbira mit-3 sad-9 ta' April 2007, tista' tibbukkja fis-Segreterija ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija, l-Istitut Kattoliku, Floriana Tel:- 21222239 bejn id-9.00 a.m. u 12.00 p.m. u tkun qed tgħin l-Azzjoni Kattolika. Mal-booking nibagħtulek program.

---------

Ġiti ma' Patri Damian Cachia O.Carm. għandhom isiru tul is-Sajf. Informazzjoni aktar 'l quddiem.

*JUM IL-LAJCI NSARA*
*Nhar il-Hadd 18 ta' FRAR 2007*
*Laqgha ghal lajci Ma' Mons. Arcisqof*
*Nhar il-Hamis, 15 ta' Frar 2007*
*fl-Istitut Kattoliku, Floriana*
*fis-6.30 p.m.*

Minħabba fl-ispejjez, qed nippruvaw inżidu ir-riklami, fil-Ħuġġieġa. Għalhekk għandna bżonn l-għajnuna tieghek, jekk taf lil xi hadd li għandu xi kumpannija, negozju jew ħanut jew xi ħaġa x'jirreklama, issa iċ-ċans, fil- Ħuġġieġa, jista jagħmel dan. Għal aktar informazzjoni wieħed jista jikkuntatja lil Ms Joyce Pullicino fuq emajl: joyce.pullicino@ovol.net jew iċempel fuq in-numru tat-telefon 21222239 jew 21237031 fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju u nikkuntatjawk lura.

Il-prezzijiet huma:

Kwart ta' Paġna – Lm 10 + 18% = Lm 11.80 *kull ħarġa*

Nofs Paġna – Lm 20 + 18% = Lm 23.60 kull ħarġa

*Grazzi ta' l-għajnuna.*

**Nota:**

**Dawk kollha li għadhom ma bagħtux ir-rendikont finanzjarju għas-sena 2006 huma mitluba jagħmlu dan sa l-aħħar ta' Frar 2007.**

**Grazzi**
**Amministratur Generali**



***Librerija Azzjoni Kattolika***
***Istitut Kattoliku - Floriana***

***Bejn il-15 ta' Jannar u is-16 ta' Frar 2007***

**SKONT TA'**

***50 %***

FUQ **KOTBA**.

**U SKONT TA'**

***20%***

**FUQ OGGETTI RELIGJUZI,**
**STATWI, IKONI**
**U HAFNA AFFARIJIET OHRA**

***Hinijiet tal-Ftuh: Matul il-gimgha - 9.00 ta' filghodu sa nofsinhar***
***4.00 sas 7.30 ta' filghaxija***
***is-Sibt – filghodu biss***



*Tel: 21 237031*

*Meta tixtri minn din il-Librerija tkun qed tghin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-hidma taghha.*